

Brussell, 15 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13147/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0361 (NLE)

ACP 96
FIN 798
PTOM 30

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Ottubru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 688 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, l-ewwel flus parzjali għall-2019 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2021 u 2022

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 688 final.

Mehmuż: COM(2018) 688 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.10.2018
COM(2018) 688 final

2018/0361 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, l-ewwel ħlas parzjali għall-2019 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2021 u 2022

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-proposta tkopri:

- Il-limitu massimu tal-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għas-sena 2020;
- L-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena 2019;
- L-ammont tal-ewwel ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għas-sena 2019;
- Tbassir mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija għas-snin 2021 u 2022.

Il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u l-fondi l-oħra tal-FEŻ li għadhom miftuħa (jiġifieri t-Tmien, id-Disa' u l-10 FEŻ) huma ġestiti skont il-ġabra ta' regoli li ġejjin:

- Il-Ftehim ta' Sħubija attwali bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") kif emendat l-aħħar¹.

- Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-ġajjnuna tal-Unjoni Ewropea fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ²(il-11-il "Ftehim Intern" tal-FEŻ),

- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp³ ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ").

Id-dokumenti msemmijin hawn fuq jinkludu impenji pluriennali mill-Istati Membri biex jappoġġaw finanzjarjament it-teżor tal-FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jipprevedi li jsiru kontribuzzjonijiet regolari mill-Istati Membri għat-teżor tal-FEŻ skont impenji finanzjarji predeterminati. Il-kontribuzzjonijiet regolari huma xprunati minn Deċiżjonijiet tekniċi tal-Kunsill li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' impenji finanzjarji deċiżi minn qabel.

Għaldaqstant, uħud mill-intestaturi fil-memorandum ta' spjegazzjoni mhumiex applikabbli għal sejħiet regolari għall-kontribuzzjonijiet, bħalma hi din.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Irreferi għall-punt 1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Irreferi għall-punt 1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

¹ GÜ L 317, 15.12.2000, p. 3

² GÜ L 210, 6.8.2013, p. 1

³ GÜ L 58, 3.3.2015, p. 17-38

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 7 tal-Ftehim Intern⁴ il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri lill-11-il FEŻ għandhom jiġu approvati permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill adottata b'maġġoranza kwalifikata.

Skont l-Artikolu 21(7) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, l-ammont immaniġġjat mill-Kummissjoni u l-ammont immaniġġjat mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) huma speċifikati separatament.

Skont l-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-BEI bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu ta' impenji u ħlasijiet skont l-istrumenti li jimmaniġġja.

Skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, is-sejħiet għall-kontribuzzjonijiet l-ewwel għandhom jużaw l-ammonti disponibbli minn FEŻ preċedenti, wieħed wara l-ieħor. Għaldaqstant, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet f'din il-proposta jikkonċernaw l-ammonti fl-10 FEŻ għall-BEI u l-ammonti fil-11-il FEŻ għall-Kummissjoni Ewropea.

Skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq dik il-proposta sal-15 ta' Novembru.

L-Artikolu 23(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jistipula li Stat Membru li jonqos milli jħallas il-pagament parzjali tal-kontribuzzjoni dovut sal-iskadenza jkun jehtiegħu jħallas l-imgħax fuq l-ammont li ma jkunx ħallas; l-arranġamenti għall-pagament tal-imgħax huma speċifikati fl-istess Artikolu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Irreferi għall-punt 1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

- **Proporzjonalità**

Irreferi għall-punt 1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

- **Għażla tal-istrument**

Irreferi għall-punt 1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

⁴ Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu 2014-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, l-ewwel ħlas parzjali għall-2019 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2021 u 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-għajnuna tal-Unjoni Ewropea fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁵ ("il-Ftehim Intern"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru 2018 li tispeċifika (a) l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni għall-2020; (b) l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għall-2019; (c) l-ammont tal-ewwel ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2019; u (d) tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2021-2022.
- (2) Skont l-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323, il-Bank Ewropew tal-Investment bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti fl-istrumenti li jimmaniġġa
- (3) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 jistipula li s-sejthiet għal kontribuzzjonijiet jużaw l-ewwel l-ammonti stipulati fil-FEŻ preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għal fondi taħt l-10 FEŻ għall-BEI u l-11-il FEŻ għall-Kummissjoni.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2171⁷ stabbiliet il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-FEŻ għall-2019 għal EUR 4 600 000 000 għal Kummissjoni u EUR 300 000 000 għall-BEI.

⁵ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

⁶ ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-FEŻ tal-Istati Membri għall-2020 huwa b'dan stabbilit għal EUR 4 900 000 000. Għandu jinqasam f'EUR 4 600 000 000 għall-Kummissjoni, u EUR 300 000 000 għall-BEI.

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-FEŻ tal-Istati Membri għall-2019 huwa b'dan stabbilit għal EUR 4 700 000 000. Għandu jinqasam f'EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni, u EUR 300 000 000 għall-BEI.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jridu jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala l-ewwel ħlas parzjali għall-2019 huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

It-tbassir mhux vinkolanti indikattiv għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2021 huwa b'dan stabbilit għal EUR 4 000 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 300 000 000 għall-BEI, u għall-2022 għal EUR 3 500 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 400 000 000 għall-BEI.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2171 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2019, l-ammont annwali għall-2018, l-ewwel ħlas parzjali għall-2018 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija għas-snin 2020 u 2021 (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 21)